**12 ta' Settembru, 1990**

**Imħallef: –**

**Onor. Godwin Muscat Azzopardi B.A., LL.D.**

Il-Pulizija

*versus*

Charles Cortis

## Appell minn Digriet – Digriet Interlokutorju – Digriet li ma jżommx il-kawża milli timxi 'l quddiem

*L-art. 415 tal-Kap. 9 jispeċifika illi l-appell minn digriet interlokutorju jista' jsir biss wara s-sentenz definittiva jekk ikun jirrigwarda digriet li ma jżommx il-kawża milli timxi 'l quddiem. Il-kwistjoni kollha timpernja ruħha fuq l-interpretazzjoni ta' x'inhu dak li jżomm il-kawża milli timxi 'l quddiem.*

Il-Qorti: – Rat l-akkuża miġjuba kontra l-imputat talli:

*Omissis;*

Rat id-digriet tal-Qorti Kriminali tal-Maġistrati tal-Pulizija Ġudizzjarja ta' Malta tas-27 ta' Ġunju 1990 li bih dik il-Qorti ddeċidiet illi tiċħad l-oġġezzjoni preliminari tad-Difiża u aċċettat lil Dr Anthony Abela Medici bħala xhud tal-Prosekuzzjoni;

Rat ir-rikors ta' l-appell ta' Carmel *sive* Charles Cortis li bih talab li dina l-Onorabbli Qorti jogħġobha tirrevoka d-digriet tal-Qorti tal-Maġistrati fuq imsemmi u tornda l-isfilz tax-'xiehda' ta' Dr Anthony Abela Medici kif ukoll tad-dokumenti esibiti

minnu;

Rat l-atti tal-kawża;

Semgħet it-trattazzjoni;

Ikkunsidrat:

Illi l-appell huwa limitat, f'dan l-istadju, għal deċiżjoni dwar eċċezzjoni ta' l-Avukat Ġenerali fis-sens li l-appell huwa intempestiv;

L-Avukat Ġenerali jirritjeni li tali appell jista' jsir biss meta l-kawża tiġi deċiża *una volta* li si tratta ta' appell minn digriet li ma jwaqqafx il-kawża milli timxi 'l quddiem;

Il-Qorti kkunsidrat illi li jidher li ġara f'dan il-każ kien illi quddiem l-ewwel Qorti l-appellant oġġezzjona għall-produzzjoni tax-xhud Dr Anthony Abela Medici;

Il-Qorti ċaħdet tali oġġezzjonil, u ammettiet ix-xhud, però ma semgħetux dak in-nhar u ddifferiet il-kawża għal data oħra;

L-artikolu 415 tal-Kap. 9 jispeċifika illi l-appell minn digriet interlokutorju jista' jsir biss wara s-sentenza definittiva jekk ikun jirrigwarda digriet li ma jżommx il-kawża milli timxi 'l quddiem;

Il-kwistjoni kollha hawn timpernja ruħha fuq l-interpretazzjoni ta' x'inhu li jżomm il-kawża milli timxi 'l quddiem;

L-ewwel Qorti ma tatx raġuni għad-differiment. Jista' jkun li kellha f'moħħha tara x'ser jiġri mill-appell li l-avukat ta' l-appellant li informa l-Qorti li kien fi ħsiebu jintavola;

Jista' jkun li l-ewwel Qorti ddifferiet għal xi raġuni oħra valida. Iżda dan ma jirriżultax;

Wieħed irid iħares lejn in-natura tad-digriet biex jara dan iwaqqafx il-kawża;

Oppożizzjoni għal xhud ma twaqqafx il-kawża fil-fehma ta' din il-Qorti. Dan għal diversi raġunijiet:

(1) Il-kawżi fejn kawża kriminali tieqaf huma eċċezzjonali u mhux di regola u ġeneralment jirriżultaw espressament mil-liġi stess. Ngħidu aħna per eżempju fil-każ ta' kwistjonijiet ta' indoli kostituzzjonali jew taħt il-provvedimenti ta' l-Att 14 ta' l-1987. Altrimenti r-regola hi li l-kawżi jinbdew u jitkomplew bla waqfien sa fejn dan hu possibbli;

(2) L-appell minn tali digriet jew oħrajn simili jagħti ċ-ċans lill-akkużat jew lill-kwerelant li jtawwal inutilment l-andament tal-proċeduri kriminali;

(3) Il-Qorti għandha dejjem il-fakoltà li tiskarta xhieda inammissibbli jew irrilevanti u għalhekk anki wara li l-Qorti tkun ammettiet xhud, tista', anzi għandha, tiskarta x-xiehda skond kif jidhrilha xieraq;

F'dawn iċ-ċirkostanzi l-appell odjern jirriżulta intempestiv;

Waqt riċerki li għamlet, din il-Qorti ltaqgħet ma' sentenza fl-ismijiet Pulizija *vs* Piju Camilleri deċiż minn din il-Qorti diversament presjeduta fejn dan il-punt ġie diskuss, għalkemm il-fatti kienu daqsxejn differenti. F'dik il-kawża sar appell minn digriet tal-Qorti li ammettiet lill-avukat bħala *parte civile* għal xi xiehda waqt il-proċeduri;

Sar appell minn tali digriet u ġiet sollevata l-eċċezzjoni ta' l-intempestività ta' tali appell;

L-appellant sostna li d-digriet ma kienx wieħed interlokutorju imma wieħed *sui generis* għaliex kien jolqot l-essenzjalità ta' l-azzjoni. Il-Qorti ċaħdet tali sottomissjoni u kompliet hekk:

"Infatti dan hu digriet interlokutorju klassiku u tipiku li bih l-ewwel Qorti ddeċidiet vertenza li biha setgħet sussegwentement tirregola l-provi, min iġibhom u kif jinġiebu. Oltre dan hu digriet li ma jżommx lill-kawża milli timxi 'l quddiem anzi hu intiż biex timxi 'l quddiem skond il-liġi";

F'dan il-każ li għandna quddiemha l-istess kliem japplika bl-istess forza. L-ewwel Qorti ddeċidiet li xhud kien ammissibbli però ma semgħetx tali xhud il-ħin. Imma l-kawża għadha sejra;

Għal dawn il-motivi l-Qorti tilqa' l-eċċezzjoni preliminari ta' l-Avukat Ġenerali, ċjoè dik ta' l-irritwalità ta' l-Appell ta' l-imputat mid-digriet ta' l-ewwel Qorti, tiddikjara l-istess appell irritu u null peress li ma setax isir f'dan l-istadju u konsegwentement ma tieħux aktar konjizzjoni tiegħu;

Tordna li l-atti jintbagħtu lill-Ewwel Qorti għall-kontinwazzjoni skond il-liġi.